**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 t' Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 61/2022 MLF**

**L-Av. Dr Alison Wadge bhala mandatarju tas-socjeta Arrital S.p.a.**

**vs**

**Windsor Interiors Limited**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma disghat elef u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€9,080.58) bilanc minn somma akbar wara li sar pagament akkont, u rapprezentanti import tal-prezz ta' diversi merci mibjugha lis-socjeta konvenuta u kkonsenjati mis-socjeta estera ARRITAL S.p.a. u dana skond kif jirrizulta mill-prospett bin-numru 3097/C datat 26 ta' Lulju 2018 (anness mal-avviz bhala Dok.A) rilaxxjat mis-socjeta attrici fir-rigward tas-socjeta konvenuta; bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv.

   Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3051/2021, kontra l-konvenut.

2. Rat li s-socjeta konvenuta ma dehritx ghalkemm kienet debitament notifikata, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentat risposta.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

4. Semghet ix-xhieda ta' Dr Alison Wadge, li hija mandatarju tas-socjeta attrici, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2023 fejn ikkonfermat li l-ammont ta' disat elef u tmenin euro u tmienja u hamsin centezmu (€9,080.58) ghadu dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici.

5. Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Dr Alison Wadge u d-dokumenti ezebiti.

**Konkluzjoni**

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' disat elef u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€9,080.58) lis-socjeta attrici, flimkien mal-imghax kummercjali dovut mis-26 ta' Lulju 2018 (data tal-fattura) sad-data tal-hlas effettiv.

7. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3051/2021, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**